**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NRU 7**

L-EWWEL PARTI

IT-TNEJN 7 TA' OTTUBRU 2013 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku Max Zammit fetaħ il-laqgħa, billi dedika talba lil-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti u lil Agent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace peress li dawn l-aħħar ġimgħat kienu ma jifilħux. Il-Kunsill qablu li jgħatu s-support kollu neċċessarju.

Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill tat-8 ta' Awissu 2013 ġew moqrija waqt il-laqgħa u ġew approvati.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-laqgħa li kellu mal-Onorevoli Joe Mizzi l-Ministru tal-MTI u semma l-punti mportant li ġew diskussi miegħu.

2.1.1 Is-Sindku qal li r-raġuni għaliex ma saritx il-*bus shelter* fi Triq Prinċipessa Margerita hija għax kien hemm xi diżgwid bejn *Transport Malta* u *Faces* pero bħalha Kunsill dejjem għamilna l-pressjoni meħtieġa sakemm din il-Bus shelter teħel minnufih.

2.1.2 Is-Sindku tkellem rigward Triq l-Imradd u qal li l-Ministru Joe Mizzi qallu li din se ssir mal-*budget* tas-sena 2014. Il-Kunsill se jitlob biex issir it-riq kollha u mhux il-part l-gdida biss ghax it-triq qieghda fi stat ħazin ħafna.

Il-Kusill qabel unanimament ma dan

2.1.2 Is-Sindku tkellem mal-Ministru wkoll rigward Triq Testaferata li hemm bzonn kbir li ssir għax qiegħed fi stat ħazin. Pero peress li se jitkomplew ix-xogħolijiet tal-Metropolis ma kienx jaqbel li ssir qabel ma jitlesetew ix-xogholijiet fuq il-bini kollu.

Il-Kunsill qablu li għall-inqas għandha ssir *major patching*. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li Triq Testaferata kienet se ssir mill-Gvern precedenti u s-Sindku Max Zammit qallu biex iġib bil-miktub fejn kellu jsir dan.

2.2 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-*luxury mobile toilets.* Is-Sindku Max Żammit qal li biex isiru toilets permanenti huwa proċċes twil li jieħu ħafna żmien sabiex dawn isiru.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li skond l-informazzjoni li għandu hu d-drenagg huwa diga mgħoddi u dan kien sar meta kien qieghed isir il-proġġett tax-Xatt mill-Gvern precedenti.

**2 Kommunikazzjoni mis-Sindku…..**

2.3 Is-Sindku Max Żammit qal li sakemm isiru toilets permanenti l-*Creek Development* u l-Kunsill waslu sa arranġament fejn dawn se jtuna *mobile toilets* mgħammrin bil-pixxaturi, żewg *toilets* u *sink.* Il-Kunsill mhux se jħallas xejn għal dawn it-toilets għax se jkun kollox ffinanzjat minnhom.

Il-manutenzjoni se jsir darbtejn fil-gimgħa minnhom. Il-Kunsill iddiskuttew wkoll meta se jsir il-ħinijiet tal-ftuh u egħluq tat-*toilets* u ħinijiet u granet ta' tindif u min kienu se jqabbdu biex jagħmlu dan. Il-Kunsill qabel li fix-Xitwa jifthu mis-7.00am sa 10.00pm u fis-Sajf jifthu mis-7.00pm sa 12.00pm.

2.4 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-*bring in sites* li hemm fejn l-Atlas u qal li ma kienx kuntent bil-pożżizzjoni tagħhom. Issuġġerrixxa li l-Kunsilliera imorru fuq il-post u jaraw fejn hu l-aħjar li dawn għandhom jisru. Il-Kunsiller Eugenio Muscat issuġġerrixxa li minflok ma jkunu quddiem l-Atlas issiru post ieħor fejn l-Astral.

Il-Kunsillier Frank Roe issuġġerrixa li jsiru f'Sir Ugo Mifsud fejn il bini tal-Baruni Testaferata Moroni Viani.

2.5 Is-Sindku Max Żammit informa l-Kunsill li l-konsultazzjoni mal-pulizijia ser issir fit-18 ta' Ottubru fis-5.45pm u biex l-*istaff* jippreperaw in-*notices* biex jintbgħatu r-residenti.

2.6 Is-Sindku Max Żammit tkellem wkoll rigward konsultazzjoni oħra li trid issir tat-Trasport u dan se jsir fil-ġimgħat li gejjin. Għal din il-konsultazzjoni il-Kunsill se jistieden il-Perita Audrey Testaferata de Noto.

2.7 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-fuljett fil-Kunsill li jismu it-Tmunier u sabiex jirrakomanda min se jkun fuq il-Bord Editorjali

2.8 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-fuljett il-*Middle Sea Race* u li jridu jgħamlu l-*containers* ix-Xatt. Iddiskuttew kemm se jħallsu biex jpoġġuhom hemm.

2.9 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward l-*even*t li se ssir mill-Bettson fejn dawn talbu l-Kunsill permess biex is-sena dieħla ittellgħu attivita ix-Xatt ta' Ta' Xbiex għal ħaddiema tagħhom. Il-Kunsill ddiskuttu kemm kienu se jitolbu lil Bettson bħalha prezz biex jgħamlu l-attivita.

## 3 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Il-Vici Sindku Ronnie Portelli rraporta li parti mill-bankina li hemm fi Triq Guzeppe Cali għandha bżonn titwessa peress li hija dejqa ħafna u m'hemmx aċċess għall-*pushchairs* jew *wheelchairs*. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qablu li l-bankina għandha ssir immedjatament. Is-Sindku nkariga lil Kunsillier Frank Roe biex iġib kwottazzjoni tax-xogħol fuq din il-bankina.

## 4 QUARTERLY FINANCIAL REPORTS

L-Aġent Segretarju Exekuttiv resaq il-*Quarterly Financial Reports,* Jannar sa Marzu 2013 u April sa Ġunju 2013, għall-approvazzjoni. Il-Kunsill iddiskuttew dawn u ġew approvati unanimament u wara ġew iffirmati.

## 5 PAGAMENTI

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv resaq il-pagament għall-approvazzjoni u l-Kunsill iddiskuttew dawn. Ġew approvati unanimament.

## AĠĠORNAMENT

Il-Laqgha ġiet aġġornata fit-8.00pm u peress li kien għad fadal x'jigi diskuss iddeċċidew li jerġgħu jiltaqgħu fl-14 ta' Ottubru fil-5.30pm għat-tkomplija tal-laqgħa.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv